MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2009

Numru 130/1999

Il-Pulizija
(Supretendent Carmelo Bartolo)

vs

Dominic Fava

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 429371(M) akkuzat talli:

1. F'xi hin matul il-lejl ta' bejn it-13 ta' Jannar 1997 u l-14 ta' Jannar 1997, waqt li kien f'Bormla, ikkommetta serq ta' flus, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin, u ammont li ma jiskorrix l-elf lira Maltin (Lm 1000), sar ghad-detriment ta' Anthony Friggieri minn Bormla kif ukoll il-Kumitat tal-Kazin Banda San Gorg, Bormla;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tiskorri l-valur ta' hamsin lira Maltija (Lm 50) imma mhux il-hames mitt lira Maltin (Lm 500) saret ghad-detriment ta' Anthony Friggieri minn Bormla.

Rat l-Artikolu tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom dehrlu li tista' tinstab htija fl-imputat u bghat l-atti lura lil din il-Qorti sabiex f'kaz ta' nuqqqas ta' oggezzjoni da parti tal-imputat tiddeciedi fuq l-akkuzi.

Rat li l-imputat ma oggezzjonax li l-kawza tinstema sommarjament.

Semghet lill-imputat f'din l-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuza titratta s-serq u l-hsara volontarja. Apparti l-istqarrija tieghu li hi auto-inkriminanti, l-imputat irregistra illum ammissjoni liema ammissjoni hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Rat ghalhekk l-Artikolu 261(b)(c)(f), 264, 267, 270, 278, 279, 325 u 17 tal-Kap 9 u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien tlett snin mil-lum bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Rat l-Artikolu 533 u tikkundannah ihallas l-ispejjez kollha inkorsi fil-hatra ta' l-esperti in konnessjoni mal-kaz dana fi zmien xahar li jigu notifikati lilu mir-Registratur.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------